**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 9/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2062/2008)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu fit-12 ta' Ottubru 2008 fil-Knisja Parrokjali ta' San Ġiljan liema żwieġ gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2062/2008 kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u immarkat Dok 'A'.

2. Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ippubbikat fid-9 ta' Diċembru 2021 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument 'B').

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

4. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-hall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieg bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma wegibx għal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Dicembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.